A.L. 149 ta' l-2007

ATT DWAR IT-TRANSAZZJONIJIET ESTERNI (KAP. 233)

Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Kontroll ta' Flus

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 ta' l-Att dwar Transazzjonijiet Esterni, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Kontroll ta' Flus.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-15 ta' Ġunju, 2007.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xorta oħra, il-frażijiet hawn użati għandhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att, u:

"l-Att" tfisser l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni;

"flus" tfisser kull biljett tal-flus u munita ta' valuta legali u tinkludi strumenti monetarji;

"il-Kontrullur" tfisser il-Kontrullur tad-Dwana u għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Ordinanza tad-Dwana. Kap. 37.

"il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha taħt l-Att kontra l-*Money Laundering*. Kap. 373.

Proċedura meta s-somma tkun teċċedi Lm4,293.

3. (1) Kull persuna dieħla jew ħierġa minn Malta, jew li tkun għaddejja fi transit minn Malta u li tkun qegħda ġġorr somma ekwivalenti għal Lm4,293 jew iżjed fi flus għandha l-obbligu li tiddikjara dik is-somma lill-Kontrullur.

(2) L-obbligazzjoni li tiġi dikjarata kull somma bħal dik imsemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament ma sseħħx kemm-il darba dik il-persuna ma timliex il-formola li tapplika għal dan il-każ li tidher fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u tippreżenta

dik il-formola lill-Kontrullur meta tkun dieħla jew ħierġa minn Malta, jew għaddejja fi transit minn Malta.

(3) Meta flus ma jiġux dikjarati kif hemm provdut fis-subregolament (1), il-Kontrullur għandu jaqbad il-flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu Lm4,293, jew l-ammont kollu meta l-flus ikunu indiviżibbli.

(4) Persuna li tagħmel dikjarazzjoni falza għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti jew li ma twettaqx l-obbligazzjoni li tiddikjara somma bħal dik skond is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur, f'munita Maltija fid-data meta l-persuna tkun dieħla jew ħierga minn Malta jew meta tkun għaddejja fi transit minn Malta, tal-flus li jkunu qegħdin jinġarru, imma f'kull każ dik il-multa ma għandiex tkun teċċedi għoxrin elf lira Maltija.

(5) Barra mill-piena li tista' tagħti lil persuna misjuba ħatja ta' reat taħt is-subregolament (4) ta' dan ir-regolament, il-qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu Lm4,293 jew ta' l-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli.

(6) Ma jistgħu jinbdew ebda proċeduri kriminali għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti mingħajr il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali.

Records miżmuma mill-Kontrullur.

4. (1) Il-Kontrullur għandu jiġbor u jżomm *database* li tkun tikkonsisti:

(a) fid-dettalji tad-dikjarazzjonijiet magħmulin taħt is-subregolament (1) tar-regolament 3; u

(b) fid-dettalji dwar kull ksur ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Il-Kontrullur għandu ta' kull ġimgħa jgħaddi lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja d-dettalji imsemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament.

Il-Kontrullur jista' jiskambja u jittrasmetti informazzjoni.

5. Il-Kontrullur jista' jiskambja u jibgħat informazzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru. 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-kontroll ta' flus dieħlin jew ħerġin mill-Kommunità.

Revoka ta' A.L. 463 ta' l-2004.

6. Ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar Rappurtaġġ ta' Ċaqlieq ta' Flus, qegħdin b'dawn jiġu revokati.

B 2127

SKEDA
Regolament 3

MALTA			1.Referenza ta' reġistrazzjoni	
2.Data ta' meta saret id-dikjarazzjoni:		**3.1 DIKJARAZZJONI għal kontrolli ta' flus kuntanti deħlin f' jew ħerġin minn Malta u intra-komunitarji skond l- A.L.149 ta' 2007 :**		
4.L-awtorità kompetenti li tirċievi d-dikjarazzjoni:		**IVA**	**LE**	
		3.2 REĠISTRAZZJONI ta' informazzjoni (A.L.149 ta' 2007 Art.4) :		
5.Pajjiż:		**IVA**	**LE**	
6.Tip ta' dikjarazzjoni (jekk jogħġbok immarka kif jixraq):	**6.1 Deħlin f' Malta** ☐	**6.2 Ħerġin minn Malta** ☐	(Jekk jogħġbok speċifika kif suppost)	

TAQSIMA I

7. Dettalji tad-dikjarant:		**9. Dettalji ta' minn hu sid il-flus kuntanti jekk differenti mid-dikjarant:**	
a.Isem il-persuna		a.Isem il-persuna / kumpanija	
b.Nazzjonalità		b.Nazzjonalità	
c.Data tat-twelid		c.Data tat-twelid	
d.Post tat-twelid		d.Post tat-twelid	
e.Impjieg		e.Impjieg	
f.Indirizz		f.Indirizz	
g.Belt		g.Belt	
h.Kodiċi Postali/Zip		h.Kodiċi Postali/Zip	
i.Pajjiż		i.Pajjiż	
8. Dettalji tal-Passaport / Karta ta' Identità:		**10. Dettalji tal-Passaport / Karta ta' Identità (jekk mag ħrufa mid-dikjarant):**	
a.Numru:		a.Numru:	
b.Data tal-ħruġ:		b.Data tal-ħruġ:	
c.Post tal-ħruġ:		c.Post tal-ħruġ:	

TAQSIMA II: DESKRIZZJONI TAL- FLUS KUNTANTI JEW STRUMENTI MONETARJI

	11. Ammont	**12. Denominazzjoni**
a. KArti tal-flus, muniti		
b. Ċekkijiet, *traveller's cheques*		
c. Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)		

TAQSIMA III: ORIĠINI U DESTINAZZJONI TA' FLUS KUNTANTI/STRUMENTI MONETARJI

13.Oriġini	
14. Benefiċjarju intenzjonat (jekk mhux int)	a.Isem: b.Indirizz:
15. Użu maħsub	

TAQSIMA IV: INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASPORT

16. Mezz tat-trasport (jekk jogħġbok immarka kif jixraq) ☐ **Bl-ajru** ☐ **Bil-baħar** ☐ **Bit-triq** ☐ **Bil-ferrovija** ☐ **Oħrajn**

17. Rotta tat-trasport

a. Pajjiż tat-tluq:		b. Permezz ta':	c.Destinazzjoni (pajjiż):	
d. Data tat-tluq	DD / XX /SS	e. Data tal-wasla	DD / XX /SS	
f. Kumpanija tat-trasport				
g. Nru ta' Ref. tat-trasport (eż. Nru tat-titjira)				

18. Din hija l-ewwel żjara tiegħek f'dan il-pajjiż?	☐ Iva ☐ Le (jekk jogħġbok indika l-għadd ta' żjajjar)

Jiena, hawn taħt iffirmat/a niddikjara li d-dettalji ta' hawn fuq huma korretti

		Kummenti ta' l-awtorità kompetenti
Firma ta' min jiddikjara	Firma u timbru ta' l-awtorità kompetenti	

INFORMAZZJONI IMPORTANTI DWAR KIF TIMTELA' L-FORMOLA

INFORMAZZJONI ĠENERALI:

-Kwalunkwe persuna naturali li tid ħol f' jew titlaq minn Malta u li jkollha fuqha flus kuntanti ta' valur ta' Lm4,293 jew aktar għandha tiddikjara dik is-somma lill-awtoritajiet kompetenti ta' Malta li minnu tkun da ħlet f' jew ħarġet minn Malta [A.L.149 ta' 2007, Artikolu 3].

- Fil-każ ta' informazzjoni falza, mhix korretta jew mhix kompluta, il-firmatarju jitqies bħala li ma ssodisfax l-obbligazzjoni ta' hawn fuq u jista' jeħel multi jew jinżammulu l-flus kuntanti mill-awtoritajiet tad-Dwana skond il-le ġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti ta' Malta [A.L. 149 ta' 2007, Artikolu 3 (3),(4),(5)].

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

-Il-partijiet sofor kollha jridu jimtlew mid-dikjarant; il-partijiet griżi huma riservati għall-użu mill-amministrazzjoni Doganali.

- Jekk jogħġbok imla l-partijiet kollha b'ittri kbar.

TAQSIMA I
Indika biċ-car id-dettalji tiegħek kif jidhru fil-passaport jew il-Karta ta' l-Identit à tiegħek (tista' tinżamm kopja tagħhom mill-awtoritajiet tad-Dwana flimkien ma' din id-dikjarazzjoni). Dettalji tal-Passaport / Karta ta' l-Identità g ħandhom jitniżżlu fkaxxa 8.
9-10: Jekk ikollok fuqek flus kontanti f'isem xi ħadd ieħor jekk jogħġbok indika d-dettalji tagħhom (jekk tkun tafhom, iżda almenu niżżel l-isem u l-indirizz). L-istess japplika g ħad-dettalji tal-passaport/Karta ta' l-Identit à tagħhom.

TAQSIMA II
11a-c. Jekk jogħġbok indika l-ammont preċiz għal kull strument (jekk intużaw strumenti monetarji differenti) bl-użu tas-sistema Maltija ta' tkejjiel; eż. 12,500.30.
12a-c. Indika biċ-ċar u b'ittri kbar id-denominazzjoni (eż. LM, EUROS, dollari amerikani, eċċ.)

Skond l- A.L.149 ta' 2007 Art. 2 , g ħandek tiddikjara:
a) strumenti negozjabbli g ħall-portatur inklużi strumenti monetarji f'forma għall-portatur bħal traveller's cheques*, strumenti negozjabbli (inklużi ċekkijiet,* promissory notes *u* money orders) *li huma jew f'forma għall-portatur, imdawra mingħajr restrizzjoni, mogħtija lil prenditur (benefiċjarju) fittizju, jew inkella f'tali forma li t-titoli tagħhom jiġu trasferiti ma' l-għotja tagħhom, u strumenti mhux kompleti (inklużi ċekkijiet,* promissory notes *u* money orders) *iffirmati, iżda mingħajr l-isem tal-benefiċjarju;*
b) munita (denominazzjoni) [biljetti (karti) tal-flus u muniti li jkunu fi ċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju].

TAQSIMA III
13. Oriġini: jekk jogħġbok indika jekk is-somma/somom ddikjarata/iddikjarati jikkonċernawx wirt, tfaddil, bejgħ, kont bankarju, eċċ.
14. Jekk jogħġbok niżżel isem u indirizz tal-benefiċjarju intenzjonat jekk dan mhuwiex inti.
15. Jekk jogħġbok spjega l-użu maħsub fil-qosor: eż. proprjet à, investiment eċċ.

TAQSIMA IV
16. Jekk jogħġbok immarka l-kaxxa kif jixraq. "bit-triq" tfisser trasport bi kwalunkwe vettura tat-triq (karozza, karozza tal-linja, trakk, rota, mutur eċċ.); uża biss il-kaxxa "oħrajn" jekk ma ntuża l-ebda metodu ta' trasport ieħor (eż. vjaġġar bil-mixi). F'dan il-każ jekk jogħġbok speċifika l-metodu tat-trasport fil-kaxxa 17 g (eż. bil-mixi).
17a-g: Jekk jogħġbok agħti l-informazzjoni kollha fir-rigward tar-rotta tat-trasport.
18. Jekk din hija l-ewwel żjara tiegħek fil-pajjiż immarka "Iva"; jekk timmarka "Le" jekk jogħ ġbok indika n-numru ta' kemm il-darba żort qabel.

Id-dikjarazzjoni għandha tiġi ffirmata mid-dikjarant. Jekk din tintalab, tista' tinghata kopja approvata lid-dikjarant.

IMPORTANTI: META DIN IL-FORMOLA TINTUŻA BIEX TIĠI RREĠISTRATA INFORMAZZJONI KIF INDIKAT FIL-KAXXA 3.2, M'GĦANDHIEX TIĠI FFIRMATA MINN MIN JIVVJAĠĠA.

KOMUNITA' EWROPEA | **MT**

1.Referenza ta' reġistrazzjoni:

2.Data ta' meta saret id-dikjarazzjoni:		**3.1 DIKJARAZZJONI għal kontrolli ta' flus kuntanti deħlin fil-jew ħerġin mill-Komunità skond ir-Reg. 1889/05 Art. 3(2):**		
4.L-awtorità kompetenti li tirċievi d-dikjarazzjoni:		**IVA**	**LE**	
		3.2 REĠISTRAZZJONI ta' informazzjoni (Reg. 1889/05 Art. 4) :		
5.Pajjiż:		**IVA**	**LE**	
6.Tip ta' dikjarazzjoni (jekk jogħġbok immarka kif jixraq):	6.1 Deħlin fl-UE ☐	6.2 Ħerġin mill-UE ☐		(Jekk jogħġbok speċifika kif suppost)

TAQSIMA I

7. Dettalji tad-dikjarant:		9. Dettalji ta' sid il-flus kuntanti jekk differenti mid-dikjarant:	
a.Isem il-persuna		a.Isem il-persuna / kumpanija	
b.Nazzjonalità		b.Nazzjonalità	
c.Data tat-twelid		c.Data tat-twelid	
d.Post tat-twelid		d.Post tat-twelid	
e.Impjieg		e.Impjieg	
f.Indirizz		f.Indirizz	
g.Belt		g.Belt	
h.Kodiċi Postali/Zip		h.Kodiċi Postali/Zip	
i.Pajjiż		i.Pajjiż	
8. Dettalji tal-Passaport / Karta ta' Identità:		**10. Dettalji tal-Passaport / Karta ta' Identità (jekk mag ħrufa mid-dikjarant):**	
a.Numru:		a.Numru:	
b.Data tal-ħruġ:		b.Data tal-ħruġ:	
c.Post tal-ħruġ:		c.Post tal-ħruġ:	

TAQSIMA II: DESKRIZZJONI TAL- FLUS KUNTANTI JEW STRUMENTI MONETARJI

	11. Ammont	12. Denominazzjoni
a. Karti tal-flus, muniti		
b. Ċekkijiet, *traveller's cheques*		
c. Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)		

TAQSIMA III: ORIĠINI U DESTINAZZJONI TA' FLUS KUNTANTI/STRUMENTI MONETARJI

13.Oriġini	
14. Benefiċjarju intenzjonat	a.Isem:
(jekk mhux int)	b.Indirizz:
15.Għal liema użu	

TAQSIMA IV: INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASPORT

16. Mezz tat-trasport
(jekk jogħġbok immarka kif jixraq) ☐ **Bl-ajru** ☐ **Bil-baħar** ☐ **Bit-triq** ☐ **Bil-ferrovija** ☐ **Oħrajn**

17. Rotta tat-trasport

a. Pajjiż tat-tluq:		b. Permezz ta':	c.Destinazzjoni (pajjiż):	
d. Data tat-tluq	DD / XX /SS	e. Data tal-wasla	DD / XX /SS	
f. Kumpanija tat-trasport				
g. Nru ta' Ref. tat-trasport (eż. Nru tat-titjira)				

18. Din hija l-ewwel żjara tiegħek f'dan il-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le (jekk jogħġbok indika l-għadd ta' żjajjar)

Jiena, hawn taħt iffirmat/a niddikjara li d-dettalji ta' hawn fuq huma korretti

		Kummenti ta' l-awtorità kompetenti
Firma ta' min jiddikjara	Firma u timbru ta' l-awtorità kompetenti	

INFORMAZZJONI IMPORTANTI DWAR KIF TIMTELA' L-FORMOLA

INFORMAZZJONI ĠENERALI:

-Kwalunkwe persuna naturali li tidħol fi jew titlaq mill-Komunità u li jkollha fuqha flus kuntanti ta' valur ta' Lm 4, 293 jew aktar g ħandha tiddikjara dik is-somma lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li minnu tkun da ħlet fi jew ħarġet mill-Komunità [Reg. KE 1889/2005, Artikolu 3 (1)].

- Fil-każ ta' informazzjoni falza, mhix korretta jew mhix kompluta, il-firmatarju jitqies bħala li ma ssodisfax l-obbligazzjoni ta' hawn fuq u jista' jeħel multi jew jinżammulu l-flus kuntanti mill-awtoritajiet tad-Dwana skond il-le ġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti ta' l-Istat Membru u skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja [Reg. KE 1889/2005, Artikolu 3(1) and 9(1)].
- Min jivjaġġa għandu jkun jaf li xi Stati Membri jistgħu japplikaw miżuri addizzjonali rigward il-kontrolli ta' flus kontanti skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom (i.e. kontrolli intra-komunitarji.

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

-Il-partijiet sofor kollha jridu jimtlew mid-dikjarant; il-partijiet griżi huma riservati għall-użu mill-amministrazzjoni Doganali.

- Jekk jogħġbok imla l-partijiet kollha b'ittri kbar.

TAQSIMA I

Indika biċ-car id-dettalji tiegħek kif jidhru fil-passaport jew il-Karta ta' l-Identit à tiegħek (tista' tinżamm kopja tagħhom mill-awtoritajiet tad-Dwana flimkien ma' din id-dikjarazzjoni). Dettalji tal-Passaport / Karta ta' l-Identità g ħandhom jitniżżlu fkaxxa 8.
9-10: Jekk ikollok fuqek flus kuntanti f'isem xi ħadd ieħor jekk jogħġbok indika d-dettalji tagħhom (jekk tkun tafhom, iżda almenu niżżel l-isem u l-indirizz). L-istess japplika g ħad-dettalji tal-passaport/Karta ta' l-Identit à tagħhom.

TAQSIMA II

11a-c. Jekk jogħġbok indika l-ammont preċiz għal kull strument (jekk intużaw strumenti monetarji differenti) bl-użu tas-sistema Ewropea ta' tkejjiel; eż. 12.500,30.
12a-c. Indika biċ-ċar u b'ittri kbar id-denominazzjoni (eż. EUROS, dollari amerikani, eċċ.)

Skond ir- Reg. KE 1889/2005 Art. 2(3) g ħandek tiddikjara:
a) strumenti negozjabbli għall-portatur inklużi strumenti monetarji f'forma għall-portatur bħal traveller's cheques*, strumenti negozjabbli (inklużi ċekkijiet,* promissory notes *u* money orders*) li huma jew f'forma għall-portatur, imdawra mingħajr restrizzjoni, mogħtija lil prenditur (benefiċjarju) fittizju, jew inkella f'tali forma li t-titoli tagħhom jiġu trasferiti ma' l-għotja tagħhom, u strumenti mhux kompleti (inklużi ċekkijiet,* promissory notes *u* money orders*) iffirmati, iżda mingħajr l-isem tal-benefiċjarju;*
b) munita (denominazzjoni) [biljetti (karti) tal-flus u muniti li jkunu fi ċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju].

TAQSIMA III

13. Oriġini: jekk jogħġbok indika jekk is-somma/somom ddikjarata/iddikjarati jikkonċernawx wirt, tfaddil, bejgħ, kont bankarju, eċċ.
14. Jekk jogħġbok niżżel isem u indirizz tal-benefiċjarju intenzjonat jekk dan mhuwiex inti.
15. Jekk jogħġbok spjega l-użu maħsub fil-qosor: eż. proprjet à, investiment eċċ.

TAQSIMA IV

16. Jekk jogħġbok immarka l-kaxxa kif jixraq. "bit-triq" tfisser trasport bi kwalunkwe vettura tat-triq (karozza, karozza tal-linja, trakk, rota, mutur eċċ.); uża biss il-kaxxa "oħrajn" jekk ma ntuża l-ebda metodu ta' trasport ieħor (eż. vjaġġar bil-mixi). F'dan il-każ jekk jogħġbok speċifika l-metodu tat-trasport fil-kaxxa 17 g (eż. bil-mixi).
17a-g: Jekk jogħġbok agħti l-informazzjoni kollha fir-rigward tar-rotta tat-trasport.
18. Jekk din hija l-ewwel żjara tiegħek fil-pajjiż immarka "Iva"; jekk timmarka "Le" jekk jogħ ġbok indika n-numru ta' kemm il-darba żort qabel.

Id-dikjarazzjoni għandha tiġi ffirmata mid-dikjarant. Jekk din tintalab, tista' tinghata kopja approvata lid-dikjarant *[(Reg. 1889/2005 Art. 3(3)].*

IMPORTANTI: META DIN IL-FORMOLA TINTUŻA BIEX TIĠI RREĠISTRATA INFORMAZZJONI KIF INDIKAT FIL-KAXXA 3.2, M'GĦANDHIEX TIĠI FFIRMATA MINN MIN JIVVJAĠĠA.